MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 248/2006

**Biosphere Limited (C 16003)**

**Vs**

**Richard Geres (K.I. 9541A)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlett liri Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm103.44c) rapprezentanti bhala ammont kapitali dovut fuq bejgh ta' prodotti lill-konvenut ghan-negozju tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-23 ta’ Mejju, 2006 li biha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm33.22c) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm33.22c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------